MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 288/2007

**A Bf' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C D E**
**vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti F C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi fl-10 ta' Frar tas-sena elfejn (2000) hi u l-imtimat kellhom tifel, C kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok A;

2. Illi l-partijiet kienu zzewwgu fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999) izda kienu ilhom mifrudin de facto sa minn Ottubru tas-sena

elfejn u wiehed (2001) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni. Il-minuri ilu minn dejjem fdat fil-kura kostanti tal-esponenti.

3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti kien gie debitament annullat permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-istess ismijiet premessi (Cit. 761/2002 RCP) moghtija fis-27 ta' Mejju 2004.

4. Illi ghal xi zmien l-intimat kien qed jara lit-tifel b' supervizjoni fl-Agenzija Appogg izda dan is-servizz kien twaqqaf f' Jannar tas-sena 2002 ghaliex l-istess intimat kien naqas illi jattendi ghas-servizz kif ukoll jirrizulta waat it-trattazzjoni.

5. Illi l-intimat kien istitwixxa proceduri ta' medjazzjoni (Ittra 348/06 F D E vs A Farrugia) izda dawn kienu biss tentattiv biex jevita li jigi deportat peress li qatt ma kkontribwixxa xejn ghat-tifel u, kif irrelevat l-esponenti, lanqas biss talab li tigi likwidata retta alimentarja ghall-minuri f' dawk il-proceduri li sussegwentement inghalqu u ma gewx segwiti mill-intimat.

6. Illi inoltre l-intimat hu bniedem aggressiv u vjolenti kemm fil-konfront taghha kif ukoll fil-konfront tal-istess minuri u il-mod kif gab ruhu mhux ta' gid ghall-istess minuri u ma kienx jaghti ezempju tajjeb ghat-trobbija tat-tifel. Anzi t-tifel jista' jkun espost ghall-periklu jekk jigi f' kuntatt mal-intimat.

7. Illi fil-fatt l-espoennti minn dejjem hadet hi d-decizjonijiet importanti ghat-trobbija tal-minuri inkluzi dawk tas-sahha, edukazzjoni u religjon.

8. Illi l-intimat qatt ma kkontribwixxa ghall-manteniment tal-minuri u qatt ma kien involut fit-trobbija tal-istess minuri.

9. Illi t-tifel lanqas biss jafu lil missieru u qatt ma jsemmih.

10. Illi l-esponenti hija l-persuna l-iktar idonea fost il-kontendenti biex tiehu dawk id-decizjonijiet kollha

importanti ghall-ahjar gid tat-tifel fosthom dawk li jirrigwardaw is-sahha, l-edukazzjoni, safar u domicilju, u amministrazzjoni ta' proprjeta' u wirt.

11. Illi l-intimat kien gie deportat minn Malta peress li kien qed jghix fil-pajjiz minghajr permess u minghajr ma kellu il-freedom of movement.

12. Illi huwa fl-interess tal-minuri li l-esponenti tigi awtorizzata tiehu dawk id-decizjonijiet kollha mehtiega fl-ahjar interess tieghu wahidha bid-drittijiet u bid-dmirijiet kollha naxxenti mill-awtorita tal-genitur skond il-Ligi.

13. Illi l-intimat baqa' inadempjenti fl-obbligazzjonijiet imposti fuqu bhala genitur bil-Ligi, senjatament l-obbligazzjonijiet imposti a tenur tal-Artikolu 3B tal-Kodici Civili ta' Malta (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

14. Illi stante li l-intimat hu deportat, l-esponenti m' ghandhiex tghaddi minn proceduri ta' medjazzjoni, anke ukoll minhabba l-vjolenza li hi kienet issubiet minn naha tal-istess intimat.

15. Illi l-agir tal-intimat ghandu jwassal ghad-dekadenza tieghu mis-setghet li ghandu bhala genitur b' mod partikulari a tenur tal-artikolu 154 tal-Kodici Civili ta' Malta (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan ghall-ahjar gid u interess ta' l-istess minuri.

Ghaldaqstant ir-Rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha previa l-esenzjoni tal-istess rikorrenti mill-procedura ta' medjazzjoni stante li din m' ghandhiex tapplika fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz:

1. Tordna t-tnehhija tal-intimat mis-setghat u jeddijiet kollha li ghandu bhala genitur tal-minuri C D E skond il-Ligi u partikolarment bl-applikazzjoni tal-artikolu 154 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta ossia minn xi whud taghhom skont l-ahjar interess tal-minuri;

2. Tvesti dawn is-setghat u jeddijiet hekk imnehhija tal-awtorita tal-genitur fir-rigward tal-minuri C D Taheer f' idejn ir-rikorrenti A Bwahidha b' dawk il-modalitajiet kollha li jidrilha xierqa u opportuni fl-ahjar interess tal-minuri skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern.

3. Taffida formalment il-kura u kustodja tal-minuri lir-rikorrenti.

4. Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi f' dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza, izda jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw ma' l-assenti minnhom rapprezentat u ghal dan il-ghan ir-rikorrenti ghandha tipprovdi lill-intimati kuraturi deputati b' kull indirizz li jista' ghandha tal-assenti sabiex jkunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavids;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tnehhi s-setghat u jeddijiet kollha ta' genitur [parental authority] li l-konvenut assenti ghandu ex lege fuq il-minuri C u dan ai termini tal-artikolu 154 tal-Kap.16; kif ukoll li tvesti lill-attrici esklussivament b' dawn is-setghat u jeddijiet ta' l-Awtorita' tal-Genitur fir-rigward tal-imsemmi minuri; u taffida lill-istess il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi mhux kontradetti jirrizulta li l-attrici, cittadina maltija, kienet izzewwget lill-konvenut illum assenti, cittadin libjan, fl-1 ta' Mejju 1999 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur. Fl-10 ta' Frar 2000 twieled it-tifel C; izda f'

Ottubru tas-sena 2001 il-partijiet isseparaw de facto minnhabba l-komportament abusiv tal-konvenut. Di fatti fis-27 ta’ Mejju 2004 iz-zwieg gie annullat u l-konvenut, missier il-minuri, eventwalment gie deportat.

Jirrizulta li permezz ta’ digriet moghti minn din il-Qorti fit-13 ta’ Novembru 2001 gie konfermat li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa’ f’ idejn ommu l-attrici, filwaqt li missieru, il-konvenut, ikollu supervised access. F’ Jannar 2002 il-konvenut waqaf volontarjament milli jara lil ibnu aktar.

Illi sadanittant il-minuri minn mindu twieled kien dejjem that il-kura kostanti ta’ ommu l-attrici, filwaqt li l-konvenut qatt ma kkontribwixxa xejn ghall-manteniment tieghu. Kienet l-attrici li “minn dejjem hadet hi d-decizjonijiet importanti ghat-trobbija tal-minuri, inkluzi dawk tas-sahha, edukazzjoni u religjon.” L-attrici ssostni li “Jiena niehu hsieb wahdi l-bzonnijiet kollha ta’ ibni kemm ta’ sahha, edukazzjoni u kull haga ohra li ghandu bzonn it-tifel sabiex jghix hajja trankwilla u ma jkun jonqsu xejn. F [il-konvenut] qatt ma kellu sehem f’ hajjet it-tifel.”[1]

Fl-affidavit taghha l-attrici tesprimi l-biza’ taghha li l-konvenut jahrab bit-tifel. Hija tispjega li kienet telqet mid-dar matrimonjali wara li l-konvenut kien qallha li kien ser jiehu lit-tifel il-Libja “biex trabbih il-familja tieghu, u la jien u lanqas hu.” Hija tishaq fuq il-fatt li l-konvenut qatt ma wera interess li jiehu sehem fil-hajja tal-minuri, tant li f’ Jannar 2001 kien twaqqaflu l-access.

Tghid li: “Kien hemm darba meta F kien qal lit-tifel waqt telefonata biex jaqta’ l-partijiet genitali tieghu b’ mus. Kien gie t-tifel u qalilna dan il-kliem preciz.”; u tirrakkonta kif darba fis-sena 2002 meta l-attrici kienet f’ lokal f’ Birzebbugia mat-tifel, kien dahal il-konvenut, “qabad lit-tifel biex jara jekk il-genitali tieghu ‘kienu ghadhom sew’.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess li ma gie kontraddett bl-ebda mod, u li jisib konfort ukoll fl-affidavit ta’ omm l-attrici, ma

[1] Fol.22 *et seq.*

hemmx dubju li mhuwiex fl-interess tal-minuri C li l-konvenut jibqa' jikollu s-setgha ta' genitur fuqu; tenut kont tal-karattru vjolent u aggressiv tal-konvenut, tan-nuqqas tieghu li jiehu nteress fl-edukazzjoni ta' ibnu, kif ukoll tan-nuqqas totali tieghu li jissodisfa l-obbligi tieghu bhala genitur fit-termini ta' l-artikolu 3B tal-Kap.16 u cioe' li jiehu hsieb, imantni, jghallem u jeduka lill-minuri

Minn naha l-ohra, jkun fl-interess tal-minuri li din is-setgha tigi vestita esklussivament fl-attrici, flimkien mal-kura u kustodja esklussiva; u dan tenut kont tal-fatt li l-minuri kien minn dejjem fil-kura kostanti taghha, u li minn mindu twieled il-minuri kienet hi li hadet hsieb il-bzonnijiet kollha tieghu kemm dawk relatati mas-sahha kif ukoll dawk relatati ma' l-edukazzjoni u t-trobbija tieghu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti attrici fit-termini taghhom. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut assenti, hlief dawk relatati mal-kuraturi deputati li ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------